# MANOLIOS

Ftit ilu qrajt ir-rumanz *Christ Recrucified* ta' Nikos Kazantzakis. L-istorja hija dwar in-nies li jgħixu f'raħal Grieg immexxi mit-Torok. Il-parruċċani Ortodossi qed iħejju għall-play annwali tal-passjoni ta' Kristu. Wieħed mill-atturi huwa Manolios. Dan kellu esperjenza ta' bidla, konverżjoni fil-ħajja tiegħu.




Kazantzakis, li huwa wkoll l-awtur ta' *Zorba the Greek*, jagħmel deskrizzjoni stupenda ta' kif il-Vanġelu jibdlilna ħajjitna: "Day and night Manolios read the Gospel and remained plunged in interminable meditations. He sat reading... Spelling each word laboriously before he could make out the sense. How hard it was! Each word seemed to him like a shell which he must crack to get at the almond. But gradually, with the aid of time, and above all of love the shell of words became less hard... Suddenly all seemed clear to him. Christ became a warm and human body coming down upon the earth for men of simple heart; and from now onwards Manolios followed Christ without any effort... He followed the footprints of Christ right to the bloodstained cross, right to the glorious day of the resurrection when Christ, springing from the tomb, entered his heart". Manolios kien iltaqa' ma' Kristu!

***L-Arċipriet***

**SENA ĊENTINARJA - 22:** Il-Leġjun ta' Marija jorganizza l-laqgħat tal-Patrizji fi gruppi żgħar biex bħala Nsara jiddiskutu u jissaħħu fit-tagħlim Kattoliku li jaqsmuh ma' oħrajn b'iktar kuraġġ anke f'dawk l-ambjenti nieqsa mir-Reliġjon.

**ROKNA EKOLOĠIKA:**
"I called for an integral ecology, an ecology that is about much more than caring for nature, it's about caring for each other as fellow creatures of a loving God." - Il-Papa Franġisku.

## AVVIŻI OĦRA:

**MIŻŻEWĠIN IMMA NAMRATI!:** L-Isqof Anton jistieden lill-koppji kollha li żżewġu fl-2019 u fl-2020 għal-laqgħa flimkien miegħu. Minħabba s-sitwazzjoni attwali tal-Covid-19 il-laqgħa ser issir onlajn. Il-koppji kollha li jixtiequ jieħdu sehem huma mħeġġa biex jibagħtu email fuq kdfgozo@gmail.com ħalli jirċievu l-link għal-laqgħa.

**NIRRINGRAZZJAW:** lill-familja li tat pjanu għall-kappella ta' Santa Tereża. Il-Mulej iberikkom għal din l-għotja li se tgħin ħafna fiċ-ċelebrazzjoni liturġika fil-kappella.



It-tieni kartolina mis-sensiela "Mill-Patrimonju Naduri" hija ppubblikata f'edizzjoni limitata. Fl-okkażjoni tas-Sena Ġużeppina, din il-kartolina turi l-abbozz tal-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab fil-kollezzjoni tal-parroċċa tagħna. Tista' tinkiseb għall-prezz ta' €2 mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mingħand il-Kan. Dun Reuben Micallef. Dawk li jixtiequ kopja tal-ewwel kartolina jistgħu jakkwistaw kopja wkoll peress li għad fadal ftit kopji tagħha.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am